**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru sitta w ħamsin (56) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet nhar l-Erbgħa, 6 t'April 2016 fil-Bini Amministrattiv tal-kunsill fis-6.15pm

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Viċi Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | | |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |
| | Nikolai Farruiga | Ambaxxatur |
| | | |
| ASSENTI: | Michel Farrugia | Kunsillier |

1. Is-Sindku ppresediet is-seduta u qalet it-talba.

2. Il-minuti inqraw mis-SE u dawn ġew approvati u ffirmati bil-korrezzjonijiet li għamlu l-kunsillieri.

**Punti mill-Minuti**

3. Il-ħsara fuq l-*istreet lighting* fi Triq ix-Xriek issewwiet.

4. Peress li d-data tal-*Afternoon Tea* bla ħlas kienet ġejja mal-Festa ta' *Corpus*, kien deċiż illi dan ikun immexxi 'l quddiem b'ġimgħa jiġifieri nhar it-22 ta' Mejju. Is-SE se jerġa' jikteb lill-Iskola ħalli naraw illi m'hemm xejn hemmhekk dak in-nhar.

5. Għall-ħarġa t'Għawdex, Grace Marie Mallia ppreentat il-quotations tal-*buffet lunch.* Il-KLM unanimament iddeċieda li l-prezz tagħhom se jiġi għoli wisq, għaldaqstant, se jinżamm il-format tas-soltu.

6. Dwar il-*Euro-village* kien hemm diskussjoni twila u kien deċiż illi dan ma jkunx organizzat mill-KLM peress li jista' jtellef il-festa tal-Madonna tal-Ġilju. Madankollu l-KLM jirrikonoxxi li jista' jsir kullimkien f'post privat mingħajr l-indħil tal-KLM.

7. Is-SE kien mitlub sabiex il-ħaddiema jċemplu lir-residenti kollha ta' Triq Ħal Kirkop, Triq Ġanni Damanin u Triq Xandru Farrugia sabiex naraw min jixtieq is-*sleeping policemen* f'dawn it-toroq. Sadanittant ittieħdet id-decizjoni illi tkun imsewwija dik ta' Triq Karmenu Ciantar.

**Aġenda**

8. Peress li l-Awditur ma bagħatx il-*Financial Statements,* il-KLM ma kienx f'pożizzjoni li japprovahom minkejja li kien imniżżel bħala *item* fuq l-*agenda.* Intant l-awditur tkellem mhux biss permezz ta' l-*email* li kien ipprovdut bħala dokument tal-agenda iżda anke b'mod verbali ma' Charlene Zammit u s-SE dwar in-nuqqas ta' attendenza ta' Michel Farrugia għal-laqgħat tal-KLM. Is-Sindku qalet illi l-liġi tal-KLM tipprovdi sabiex awtomatikament jiskatta mekkanizmu li nġibu dan għall-attenzjoni tad-dipartiment. Hija qalet illi issa rridu ninfurmaw lid-dipartiment għax ma fadlilniex alternattivi, minkejja li Michel Farrugia seta' kellu raġuni għaliex ma attendiex. Hija pproponiet illi nissuġġerixxu illi natuh sitt xhur ċans u jirranga l-aġir tiegħu. Paul Spiteri talab li għandha tintbgħatlu ittra uffiċjali bil-posta mill-

KLM u wkoll l-Aġenda tal-KLM għandha tiġi mibgħuta bil-posta. Grace Marie Mallia qalet li fil-passat hija kienet ġibdet l-attenzjoni tal-KLM dwar dan.

9. Kollox hu mħejji biex tinstema' seduta tal-arbitraġġ Schembri Barbros vs KLM propju għada 7 t'April.

10. Il-KLM iddeċieda illi għall-ewwel is-Sindku tkun qed tpoġġi fuq il-bord tal-MEPA bħala ir-rappreżentant tal-KLM filwaqt illi għandna naraw kemm tkun qed tqumilna l-ispiża bħala KLM jekk jibda' jitla' għas-seduti il-Perit tal-KLM. Hawn intqal illi jista' jkun illi jkun hawn xi perit irtirat mir-raħal li jkollu għal qalbu l-ippjanar u l-iżvilupp, u li joffri dan is-servizz b'amor propju u senza nteressi.

**Punti Oħra**

11. Kienu rrappurtati minn Grace Marie Mallia erba' lampi maqtugħin fil-ġnien f'Misraħ il-Missjoni iż-Żghira.

12. Kien irrappurtat mis-Sindku inċident li seħħ fuq lanterna dekorattiva fi Triq Karmenu Ciantar fejn intlaqtet minn xarabank. Irridu naraw min kien l-individwu ħalli nġiegħluh iħallas. Hawn intqal illi l-KLM diġa' għamel talba lil *Transport Malta* sabiex tal-linja ma jibqgħux jistennew fi Triq Karmenu Ciantar. Dan iġibna konxji minn kemm mhux f'lokhom tal-linja jistennew f'din it-triq u kemm għandna ninsistu biex tal-linja jmorru fejn il-bandli u jduru magħhom bħal *roundabout* u wahda minnhom tibda' titlaq mill-Imqabba. Hawn intqal illi rridu nibqgħu ninsistu wkoll ma' *Transport Malta* dwar il-*lights* tal-*by-pass*.

13. Se tinġibed l-attenzjoni tal-venditur tal-ħaxix li qed jarma viċin wisq taz-zuntier tal-knisja anke meta saħansitra jkun hemm funeral.

14. Kien deċiż illi l-KLM jiltaqa' mar-residenti ta' Triq Valletta nhar it-28 t'April fis-6.30pm, quddiem il-librerija biex niddiskutu magħhom l-immaniġjar tat-traffiku.

15. Dwar lin-*nuisance report* magħmul mid-Dipartiment tas-Saħħa u ndirizzat lill-KLM, is-SE qal illi nfurmajnihom li l-ġibjun ma jaqgħax taħt ir-responsabbilita' tagħna sakemm l-art ma tkunx mogħtija lilna bid-devoluzzjoni, u għalhekk talbnihom biex jieħdu l-passi neċessarji biex ineħħu l-inkonvenjent għar-residenti.

16. Charlene Zammit qalet illi l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi se jaqta' l-ħaxix tal-iSqaq tan-Nar.

17. Kienet suġġerita laqgħa oħra mal-Perit William Lewis dwar il-proposta ta' tħaffir ta' toqob 'il fuq minn Triq San Mikiel biex dawn jilqgħu l-ilma tax-xita.

18. Charlene Zammit talbet lis-SE sabiex jiġu mibgħuta l-pjanti tal-ġibjun addizzjonali lis-Sur Jesmond Zammit biex nippruvaw inġibu Fondi Ewropej biex dan jimmaterjalizza.

19. Charlene Zammit qalet illi l-*expropriation* għandna nitolbuha sabiex it-toroq jiġu pariġġ fejn Triq Monsinjur Alfons Caruana tmiss ma' Triq George Martin. F'din iż-żona kien deċiż illi jkunu ttrattati l-akwati kontra l-ġrieden billi d-dipartiment tas-Saħħa jitfa' l-valenu.

20. Se ninsistu sabiex il-kuntrattur Elle's Urban Services jagħtina stima tal-bankina fi Triq il-Madonna tal-Ġilju u dik ta' Triq Karmenu Ciantar. Fil-jiem li għaddew is-SE ħa lill-kuntrattur fuq il-post biex jinfurmah x'irid il-KLM.

21. Grace Marie Mallia talbet sabiex isir il-qtugħ tal-ħaxix ħazin u sabiex tinkines Triq il-Madonna tal-Ġilju. Hija sostniet illi għandhom jiġu msewwija t-toqob tan-nar tal-festi li nfaqgħu, mill-ħaddiema tal-KLM.

22. Is-Sindku qalet illi laqqgħet il-ħaddiema, u dawn ma tantx ħadu gost bl-iskema taż-żoni. Intant hija qalet illi qabbadnihom iqassmu l-fuljett u dawn ma marrux iqassmu fit-toroq allokati lilhom. Tant li kemm is-Sindku kif ukoll il-Viċi Sindku ma rċevewx il-fuljett. Dwar dan Charlene Zammit qalet illi wissiethom biex ma jirrepetux dan l-aġir.

23. Is-Sindku qalet illi irrinunzjat illi titla' Strasburgu mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għaliex il-prezzijiet tat-titjira u l-akkomodazzjoni kienu saru eżorbitanti, għalhekk kien se jkun prezz finanzjarju kbir fuq il-KLM.

24. Se nitkellmu mid-dipartiment tal-kuntratti biex jgħina *draft* tal-*expression of interest* biex jinbena iċ-ċentru ċiviku u nkunu nistgħu noħorguha fil-gazzetti ħalli naraw jekk hemmx min hu nteress li jidħol għal dan il-proġett.

25. Dwar il-proposta Festa Talent Imqabbi nhar l-24 t April, is-Sindku qalet illi diġa' kkonfermaw Nikolai Farrugia, Maria Tonna u Manuel Zammit. Intant se naraw jekk hux se jieħdu sehem Aaron Briffa, Annamarie Hoogvliet Weijers, Graziella Baldacchino li tagħmel il-*cake decorations*, Sandra Mizzi (tat-tisjir), Charmaine Balzan li tagħmel il-ħansa, u Edwin Gatt li jagħmel is-*souvenirs* tal-injam. Charlene Zammit qalet illi tajjeb illi nkellmu l-kappillan biex dak in-nhar ihalli z-zuntier miftuh u dawn jarmaw fuq iz-zuntier.

26. Il-KLM iddiskuta l-attivita' reliġjuża *L-Imsallab fi Triqatna*. Hawn intqal illi r-riħ kien il-fattur ewlieni tal-problemi ta' nuqqas ta' attendenza, vjaġġi mħassra tal-vapur peress li l-atturi kienu kollha Għawdxin u d-diffikultajiet biex jarmaw il-props fit-toroq. Se tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lil *Club* tal-Futbol għaliex dawn ospitaw għal żewġt iljieli lil dawk li kienu nvoluti fl-armar. Charlene Zammit qalet illi jekk se nerġgħu nagħmluha is-sena d-dieħla, rridu naraw jekk hux possibbli li ssir f'Ħadd il-Palm. Grace Marie Mallia skużat ruħa għaliex kienet imsiefra u ma setgħetx tagħti l-kontribut tagħha filwaqt li kien hemm ringrazzjament mill-KLM lil dawk kollha li ħadu sehem fit-tħejjija.

27. Dwar dak li jarma s-soltu bil-qubbajt fil-Pjazza tal-Knisja fil-festi, is-Sindku qalet illi l-pulizija jridu jinfurzaw l-obbligi tal-permess mogħti lilu mill-KLM.

28. Grace Marie Mallia qalet illi hija marret għand *Joe Micallef Travel* u rat il-prezzijiet tal-ħarga għal Sqallija. Il-KLM qabel li din il-ħarġa ssir nhar it-28 ta' Ġunju u jkun hemm eskursjoni għas-suq ta' *Catania, Porto di Catania, Noto u six course meal,* għal prezz ta' €136 ir-ras.

29. Kienet approvata unanimament iċ-ċedola tal-pagamenti numru 513.

30. Kienet mitmuma il-laqgħa fid-9.14pm u l-KLM se jiltaqa' nhar il-25 t'April, 2016 fis-6.00pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 25.4.2016 minn Dr Charlene Zammit
Segretarju Eżekuttiv Sindku